**6 ta' Novembru, 1967.**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. Prof. J.J. Cremona, B.A., K.M., LL.D., D.Litt.(Rome), B.A. Hons.(Lond), Ph.D.(Lond), F.R.Hist.S., Viċi-President**
**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Carmelo Gauci

*versus*

Giorgio Gatt et

**Imħallef — Rikuża ta' — Raġuni għal**

*Imħallef jista' jiġi Rikużat f'kawża meta din tkun ġa ġiet quddiemu bħala Imħallef. Iżda d-deċiżjoni tiegħu f'dik il-kawża trid tkun tinvolvi l-istess meritu tal-kawża f'liema huwa kien ġa ppresjeda. Jekk il-meritu jkun differenti l-espressjoni da parti tal-Imħallef ta' opinjoni dwar il-provi miġjuba mill-parti fil-kawża preċedenti, ma tassoġġetahx għall-possibilità ta' rekuża.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-attur — premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provve-

dimenti li jagħmlu għall-każ; premess li b'kuntratt li sar għand in-Nutar Joseph Agius fit-30 ta' Marzu, 1959 jinsab miġjub li l-attur assenja u ttrasferixxa lill-konvenuti: — a) id-dar Ħal Qormi, New Street numri 83 u 84, suġġetta għarrata ta' ċens perpetwu ta' żewġ liri u nofs (£2.10.0.) fis-sena, bid-drittijiet, gius u pertinenzi tagħha kollha, franka u libera minn pisijiet, gravami u ipoteki; u b) il-mezzanin Ħal Qormi numru 5 fl-isqaq li jagħti għal Triq San Pietru, liberu u frank u peress li dak il-kuntratt huwa affett minn vizju ta' kunsens, li ġie mogħti lill-attur bi żball u minnu meħud b'qerq, kif jiġi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawża, u peress li, għalhekk, l-imsemmi kuntratt huwa null u ta' ebda effett — talab illi, għar-raġunijiet fuq imsemmija, jiġi dikjarat u deċiż li l-imsemmi kuntratt, riċevut minn Nutar Joseph Agius fit-30 ta' Marzu, 1959 huwa null u ta' ebda effett; billi jiġi nominat Nutar biex jirċievi u jippubblika l-att opportun u kuraturi biex jirrappresentaw l-eventwali kontumaċi fuq l-istess att; bl-ispejjes, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tas-27 ta' Marzu, 1965, u b'riserva ta' drittijiet oħra lill-attur kompetenti partikolarment għal ħlas ta' danni.

Omissis.

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-13 ta' Mejju, 1967 li biha laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata millkonvenuti u ċaħdet it-talbiet ta' l-attur bl-ispejjes, wara li kkunsidrat:—

Omissis.

Rat in-nota ta' l-attur Salvatore Gauci Buhagiar li biha appella minn dik is-sentenza u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li tiġi revokata billi tiġi miċħuda l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u jiġu milqugħa t-talbiet tiegħu bl-ispejjes taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti.

Omissis.

*Rat l-atti kollha tal-kawża*, semgħet it-trattazzjoni ta' l-*inċident infraskritt u dwaru ikkunsidrat* —

B'nota pprezentata fis-seduta tas-16 ta' Ottubru, 1967 l-appellati irrikużaw lill-President u lill-Imħallef Dottor Flores — tnejn mill-membri kostitwenti l-Qorti — fuq il-motiv illi huma meta kienu jifformaw parti mill-Qorti li ddeċidiet il-kawża fl-istess ismijiet deċiża fit-22 ta' Marzu, 1965 esprimew ruħhom fuq il-kawża preżenti.

Fil-fehma tal-*Qorti* l-eċċezzjoni ma tistax tiġi milqugħa. Hu veru illi fis-sentenza preċedenti msemmija mill-appellati — sentenza *li favur tagħha* l-Imħallfin li kienu jikkostitwixxu *l-Qorti kienu unanimi* — saru kommenti fuq il-provi. Hu veru ukoll illi dawk il-kommenti kienu sfavorevoli għall-appellati u jirriflettu fuq il-meritu ta' din il-kawża preżenti, kieku "ex hypothesi" is-sentenza appellata tiġi revokata u jkun hemm lok li ssir id-diskussjoni u d-deċiżjoni ta' l-meritu.

Iżda s'intendi dawk il-kummenti saru b'riferenza għall-provi kif allura kienu jidhru li *jirriżultaw* fil-proċess ta' dik il-kawża u sempliċement biex jintwera illi l-pretensjoni allura dedotta *mill*-awtur ta' l-appellant ma setgħatx tiġi milqugħa *kif kienet tinsab* formulat. F'dik il-kawża kien qed *jiġi pretiż illi* l-kuntratt kien null għaliex kien jimmaskera donazzjoni: inveċe, il-Qorti qalet, il-kompless tal-provi kien aktarx juri illi ċ-ċirkostanzi li fihom kien jidher li ġiet ippreparata l-minuta tal-kuntratt u dan ġie pubblikat kienu singolarment insoddisfaċenti u li jekk kien hemm xi intenzjoni da parti ta' l-awtur ta' l-appellant li "iħalli kollox" lill-appellata dan kien għal wara mewtu u li l-att li intenda u li fehem li qed jagħmel kien testment jew talvolta donazzjoni "causa

mortis" li kienet tkun nulla.

Iżda b'daqshekk il-Qorti ma jidhirliex li tirrikorri r-raġuni ta' rikusazzjoni invokata mill-appellati: Għad illi n-nota tagħhom huma ma speċifikawx id-disposizzjoni tal-liġi, jidher ċar illi dik li tista tkun rilevanti għall-każ hi dik tassubparagrafu (ii) tal-paragrafu (d) ta' l-artikolu 735 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili. Dik id-disposizzjoni tgħid illi ikun hemm raġuni għar-rekużazzjoni (jew l-astensjoni) ta' Imħallef.

> "jekk il-kawża kienet ġa ġiet quddiemu (*if he had previously taken cognizance of the cause*) bħala Imħallef jew bħala arbitru: iżda dan ma jgħoddx għal deċiżjoni mogħtija mill-Imħallef, meta ma tkunx qatgħet definitivament il-meritu fil-kwistjoni bejn il-partijiet."

Ġie dejjem ritenut illi l-każijiet li fihom Imħallef jista jastjeni jew jiġi rikużat huma dawk biss tassativament imsemmija fl-imsemmi artikolu. Ġie wkoll dejjem ritenut illi l-kliem "*il-kawża*" fid-disposizzjoni hawn fuq ċitata, jirriferixxu għall-istess kawża li fiha tkun ingħatat id-deċiżjoni preċedenti (ara p. —— Vol. XXVII, I, 157; "Xuereb vs Agius" App. 25 ta' April, 1960; "Dr. Caruana vs Gerada" App. 28 ta' Ġunju, 1966).

Issa l-ewwelnett din preżenti mhix la proċeduralment u anqas bħala meritu l-istess kawża li ġiet deċiża bis-sentenza tat-22 ta' Marzu, 1965. Għalkemm il-partijiet huma l-istess u fit-tnejn intalbet id-dikjarazzjoni tan-nullita tal-kuntratt, il-kawża hi diversa. Fil-kawża preżenti, kieku kellu jiġi diskuss il-meritu, il-provi jistgħu jsiru mill-ġdid anki jekk tal-volta, minħabba illi l-awtur ta' l-appellant preżenti miet, u, forsi, għall-bżonn ta' kontroll, ikun hemm bżonn jew tkun tista ssir riferenza għax-xhieda mogħtija fil-kawża l-oħra.

Fi kwalunkwe każ il-Qorti żgur ma jidhriliex li jista jinghad, kif tirrikjedi d-disposizzjoni tal-liġi hawn fuq imsemmija, illi bis-sentenza preċedenti "ġie maqtugħ definitivament il-meritu fil-kwistjoni bejn il-partijiet". Dak biss li ġie definitivament maqtugħ b'dik is-sentenza kien illi l-azzjoni kif allura formulata ma setatx tirnexxi fuq il-bażi ta' fatt kif pretiża mill-istess attur f'dik il-kawża. Anki jekk intqal illi mill-provi kien aktarx jidher illi l-attur kien tqarraq dwar il-kuntratt li sar, il-kwistjoni tan-nullita tal-kuntratt għal dik ir-raġuni — li issa tifforma l-meritu fil-kwistjoni bejn il-partijiet fil-kawża preżenti, ma ġietx bl-ebda mod deċiża, wisq inqas definitivament. Għal din l-azzjoni issa esperita jew talvolta xi oħra li setgħat tiġi eżerċitata saret biss riżerva lill-appellant in kwantu tali azzjoni kienu "spettanti lilu skond il-liġi."

L-Imħallef li issa ħa konjizzjoni tal-kawża preżenti u ippronunzja s-sentenza issa appellata kien ukoll l-istess Imħallef li kien iddeċida l-kawża l-oħra fi prim'istanza. Id-deċiżjoni tiegħu allura kienet illi l-kuntratt in kwistjoni kien kuntratt veru u reali u ġenwin ta' "dazzioni in solutum". Dan il-fatt ġustament ma tqiesux minn dak il-Ġudikant bħala xi motiv ta' astensjoni fil-kawża preżenti u anqas ħadd mill-partijiet, gustament, ma jidher li deherlu illi kien motiv ta' rikużazzjoni.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-eċċezzjoni ta' rikużazzjoni sollevata mill-appellati bl-ispejjes kontra tagħhom u ordna l-kontinwazzjoni tal-kawża.